



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Frar 2024
(OR. en)

6179/24
ADD 2

FIN 118
PE-L 3

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 <i>Dikjarazzjoni mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-ANNESS id-dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja
dwar il-kwittanza tal-baġit tal-UE għall-2022

L-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja:

- Jissottolinjaw ir-rwol uniku u indipendenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) fit-tweġġ tal-awditu tal-Unjoni billi tipprovdi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, kif stabbilit fl-Artikolu 287 TFUE.
- Jissottolinjaw b'mod speċifiku l-importanza tar-rapport tal-awditjar annwali tal-Qorti, ir-rwol tal-Qorti fil-proċedura annwali ta' kwittanza, u l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħha f'dan il-proċess kif stabbilit fl-Artikolu 319 TFUE dwar l-implimentazzjoni tal-baġit annwali u l-kwittanza.
- Jissottolinjaw li l-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-UE huma kruċjali biex tinżamm il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet Ewropej.
- **Jiddispijacihom ħafna li r-rata ta' żball stmata għan-nefqa rrappurtata mill-Qorti nstabet li kienet kemm materjali kif ukoll mifruxa**, u b'rata ta' żball stmata ta' 4.2 % għadha ogħla sew mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % li tirrappreżenta wkoll żieda sinifikanti meta mqabbla mal-2021. Dan wassal lill-Qorti biex, għar-raba' sena konsekuttiva, tagħti opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqiet għas-sena 2022. Fid-dawl ta' dan kollu, u bi prospettiva, uħud mill-bidliet proposti għall-Politika ta' Koeżjoni, u b'mod partikolari ż-żieda fir-rata ta' prefinanzjament u ta' kofinanzjament għal 100 %, li tista' twassal għal tnaqqis fis-sjieda fost l-Istati Membri, hija ta' tħassib speċjali.
- Jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jagħtu importanza kbira lill-konklużjonijiet tal-Qorti u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, speċjalment rigward pagamenti bbażati fuq rimborżi u l-ġestjoni u l-kontroll tal-baġit tal-UE.

- Jaraw l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE, u r-riżultati miksuba, bħala **parti essenzjali u integrali tal-awditu annwali**.
- Jappellaw lill-Kummissjoni **biex iżżid l-enfasi fuq indikaturi rilevanti tal-prestazzjoni bbażati fuq ir-riżultati** li jikkonċernaw kemm l-għanijiet kif ukoll il-kosteffiċjenza li jistgħu jiġu marbuta direttament ma' azzjonijiet tal-UE. Sabiex jiġu żgurati l-fiduċja u l-leġittimità, huwa essenzjali li l-baġit tal-UE **jagħti, b'mod effiċjenti, valur reali liċ-ċittadini tal-UE**.
- Filwaqt li jħarsu 'l quddiem, jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll lill-Istati Membri biex jikkunsidraw dan li ġej:
 - L-ewwel nett, huwa kruċjali li r-regoli applikabbli jkunu fformulati b'mod ċar u li l-kontrolli jkunu effettivi. Għandhom jinżammu standards għoljin għall-monitoraġġ u r-rfiġ ta' responsabbiltà sabiex jiġi żgurat li l-fondi jintefqu kif suppost. **Regoli ta' finanzjament u proċeduri ta' implimentazzjoni kumplessi bla bżonn għandhom jiġu ssimplifikati** fejn xieraq.
 - It-tieni, huwa kruċjali li jingħataw **attenzjoni u appoġġ suffiċjenti għall-implimentazzjoni u l-kontroll**, kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni.
 - Fl-aħħar nett, **dokumentazzjoni xierqa** hija fundamentali għall-kontroll tal-legalità ex post.
